# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 07 ta' Mejju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Robert Silvio Zammit**

**Kumpilazzjoni Nru: 493/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Robert Silvio Zammit, u detentur tal-karta ta' l-Identita' Maltija numru 335768(M).

Akkuzat talli ghall-habta tas-01:30 ta' wara nofs in-nhar ta' l-04 ta' Awwissu 2017 gewwa ix-Xatt ta' Xbiex, Ta' Xbiex:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jiqeghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' David Anastasi skond kif iccertifikat minn Dr. D. Tabone tac-centru tas-sahha tal-Furjana;
2. B'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-kodici Kriminali, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-unika xhud f'dawn il-proceduri, il-parte civile David Anastasi, ghazel li ma jixhidx stante li bid-depozizzjoni tieghu seta' jinkrimina lilu nnifsu tenut kont ta' l-involviment tieghu f'l-incident in ezami. Fil-verita fil-mori tal-proceduri l-partijiet waslu ghal ftehiem u jidher li m'ghadx ghandhom pretensjonijiet fil-konfront ta' xulxin.

Illi fin-nuqqas tad-depozizzjoni ta'l-imputat ma jezistux provi in sostenn ta'l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat li ghalhekk ma jistghux jirrizultaw.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**